# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum, 15 ta' Frar 2023**

**Rik.Gur.Nru : 32/2023 JPG**

**Kawza Nru: 19**

**DC**

**vs**

**NC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur DC datat 20 ta' Frar 2023 *a fol 1 et seqq.*, li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti zzewgu fis-26 ta' Novembru, 2011 u minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied -MC illi twieled f'X u KC illi twieldet f'Y.*

2. *Illi r-regim matrimonjali tal-partijiet huwa dak tal-kommunjoni tal-akkwisti.*

3. *Illi ż-żwieġ tal-kontendenti tfarrak irrimedjabilment minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimata fosthom, izda mhux limitatament, adulterju.*

4. *Illi d-dar matrimonjali tal-partijiet huwa l-fond 'St. Anthony Court', Block B, Flat 4, Triq it-Torri l-Ahmar, Rabat.*

5. *Illi l-imsemmi fond jikkostitwixxi proprjeta' parafernali tar-rikorrent DC u kien ġie lilu donat minn ommu IC permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni datat 3 ta' Lulju, 2013 in atti Nutar Robert Micallef (kopja hawn annessa bhala Dok. 'A').*

6. *Illi l-intimata ilha xhur li allontant ruħha mid-dar matrimonjali u tmur ġo fiha biss għal xi siegħa jew tnejn matul il-ġurnata (meta tmur) u mbagħad tirritorna fis-siegħat bikrin ta' filgħodu (bejn l-4.30am u 6.00am) u tagħmel minn kollox biex tipprovoka lir-rikorrent biex taqla' xi ġlieda jew argument.*

7. *Illi fir-realta' l-intimat qed tgħix ma' ċertu NF, operatur ta' taxi, illi fir-rigward tiegħu se jinġiebu provi ampji dwar proċeduri kriminali serjissimi li hemm fil-konfront tiegħu.*

8. *Illi r-rikorrent għandu relazzjoni eċċellenti maż-żewġ uliedu M u K li għalihom huwa jiddedika ħajtu b'mod sħiħ, huwa missier kompletament dedikat għal uliedu u l-istess minuri konsistentement jesprimu x-xewqa illi huma jgħixu mar-rikorrent missierhom u mhux ma' ommhom l-intimata.*

9. *Illi, għal dak li jirrigwarda l-komunjoni tal-akkwisti u l-patrimonju tal-partijiet, għal dik li hija proprjeta' immobbli apparti l-fond matrimonjali fuq imsemmi (li huwa proprjeta' parafernali tar-rikorrent), hemm ukoll is-segwenti proprjetajiet:*

(i) *Penthouse 6, 'St. Anthony Court', Block B, Triq it-Torri l-Ahmar, Rabat, liema penthouse inbniet waqt iż-żwieġ fuq l-arja li ġiet donata lir-rikorrent permezz tal-fuq imsemmi kuntratt ta' donazzjoni datat 3 ta' Lulju, 2013 in atti Nutar Robert Micallef (kopja hawn annessa bhala Dok. 'A'), u ghalhekk din il-penthouse tikkostitixxi proprjeta' parafernali tar-rikorrent salv il-kreditu versu l-komunjoni tal-akkwisti ta' dak li effettivament intefaq biex ġiet kostruwita u kompletata;*

(ii) *Flat 6, St. Anthony Court', Block B, Triq it-Torri l-Ahmar, Rabat li ġie donat lir-rikorrent u lill-intimata minn omm ir-rikorrent IC u z-ziju tar-rikorrent MV permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni datat 4 ta' Mejju, 2015 in atti Nutar Robert Micallef (kopja hawn annessa bhala Dok. 'B') wara li permezz tal-istess att l-imsemmija IC u MV xtraw minghand ħuthom l-ohra CV, E sive GV u JV is-sehem li dawn kellhom mill-imsemmi appartament, u bħala kumpens ir-rikorrent ħallas is-somma ta' ħamsin elf Ewro (€50,000) li ġiet lilu donata minn ommu IC permezz ta' skrittura ta' donazzjoni li saret dakinhar stess, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa bhala Dok. 'C';*

(iii) *Żewġ garaxxijiet internament immarkati bin-numri 22 u 23 formanti parti minn kumpless ta' garaxxijiet sottostanti l-korp ta' bini bl-isem 'St.Anthony Court' b'faċċata fuq Triq Santa Rita kantuniera ma' Triq it-Torri l-Aħmar, Rabat, Malta li gew mixtrija u akkwistati mill-kontendenti permezz ta' kuntratt datat 16 t'April, 2013 in atti Nutar Robert Micallef (kopja hawn annessa bhala Dok. 'D').*

10. *Illi r-rikorrent huwa wkoll proprjetarju tal-garaxx internament immarkat bin-numru 19 formanti parti minn kumpless ta' garaxxijiet sottostanti l-korp ta' bini bl-isem 'St.Anthony Court' b'faċċata fuq Triq Santa Rita kantuniera ma' Triq it-Torri l-Aħmar, Rabat, Malta li gie minnu mixtri u akkwistat permezz ta' kuntratt datat 6 ta' Settembru, 2011 in atti Nutar Robert Micallef (kopja hawn annessa bhala Dok. 'E') qabel iż-żwieġ tiegħu mal-intimata, u għalhekk jikkostitwixxi proprjeta' parafernali tieghu.*

11. *Illi l-kontendenti ghandhom ukoll zewg vetturi li huma liċenzjati mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta biex jintuzaw bhala light passenger transport vehicles ghall-ġarr ta' passiġġieri bi qliegħ.*

12. *Illi ż-żewġ kontendenti jaħdmu u għandhom l-introjtu indipendenti tagħhom.*

13. *Illi fil-fehma tar-rikorrenti hemm ragunijiet gravi u sufficjenti kif kontemplati fil-ligi li jwasslu ghal ottentiniment ta' separazzjoni personali.*

14. *Illi l-partijiet ma rnexxielhomx jikkonkludu separazzjoni konsenswali.*

15. *Illi r-rikorrent huwa awtorizzat li jipprocedi bil-ftuh tal-kawza odjerna ghall-otteniment ta' separazzjoni gudizzjarja (vide Digriet hawn anness bhala Dok. 'F').*

*Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi :*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimata u tawtorizza lir-rikorrent jghix separatament minn mal-intimata u ghall-finijiet ta' l-artikolu 48 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta tistabilixxi d-data meta l-istess intimata ghandha tkun ikkunsidrata hatja tal-firda;*

2. *Tapplika kontra l-intimata, interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 48 u/jew 51 u/jew 53 u/jew 54 tal-Kodici Civili;*

3. *Tiddikjara, a tenur tal-artikolu 52 tal-Kodici Civili, illi s-sanzjonijiet u l-effetti kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodici Civili ghandhom japplikaw in toto fil-konfront biss tal-intimata izda mhux tar-rikorrent;*

4. *Taffida lir-rikorrent il-kura u kustodja tal-minuri M u K, ahwa C u tordna illi r-residenza ordinarja tal-istess minuri ghandha tkun mar-rikorrent, salv dritt t'access a favur tal-intimata liema aċċess għandu jiġi eżerċitat mhux fil-preżena ta' NF, is-sieħeb tal-intimata;*

5. *Tordna u tikkundanna lill-intimata sabiex thallas lir-rikorrent retta alimentari ghall-imsemmija minuri M u K , ahwa C, liema retta alimentari ghandha tkompli tithallas sakemm l-istess minuri jaghlqu l-eta' ta' tmintax-il sena jew jibdew jahdmu fuq bazi full-time, liema minnhom tavvera ruhha l-ewwel, b'dana wkoll li, f'kaz li wara li jaghlqu l-eta' ta' tmintax-il (18) sena l-istess minuri jew min minnhom ikomplu jistudjaw fuq bazi full-time allura tali retta*

*alimentari ghandha tkompli tithallas sakemm l-istess minuri jew min minnhom jispiccaw mill-istudji taghhom jew jaghlqu l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, liema minnhom tavvera ruhha l-ewwel;*

6. *Tiddikjara illi l-fond 'St. Anthony Court', Block B, Flat 4, Triq it-Torri l-Ahmar, Rabat m'ghandux jitqies izjed bhala d-dar matrimonjali tal-kontendenti u, in oltre :*

   (i) *Tiddikjara illi l-imsemmi fond jikkostitwixxi proprjeta' parafernali tar-rikorrent; u*

   (ii) *tordna lill-intimata sabiex tizgombra mill-imsemmi fond u tirrilaxxja l-pussess vakant tieghu a favur tar-rikorrent.*

7. *Tillikwida l-beni kollha parafernali tar-rikorrent u li gew uzati u applikati mill-istess rikorrent ghall-beneficcju tal-komunjoni tal-akkwisti;*

8. *Tiddikjara illi r-rikorrent huwa intitolat ghall-hlas tal-beni kollha parafernali minnu wzati ghall-beneficcju tal-komunjoni tal-akkwisti fis-somma kif likwidata skond is-seba' talba tar-rikorrent u tordna li tali somma kif likwidata ghandha titnaqqas fl-intier taghha minn dik il-porzjon mill-kommunjoni tal-akkwisti illi tista' tigi assenjata lill-intimata;*

9. *Tiddikjara illi s-segwenti proprjetajiet jikkostitwixxu proprejta' parafernali tar-rikorrent u ghalhekk l-intimata m'ghandha ebda drittijiet proprjetarji fuqhom:*

   (i) *il-fond 'St. Anthony Court', Block B, Flat 4, Triq it-Torri l-Ahmar, Rabat;*

   (ii) *Penthouse 6, 'St. Anthony Court', Block B, Triq it-Torri l-Ahmar, Rabat; u*

(iii) *il-garaxx internament immarkat bin-numru 19 formanti parti minn kumpless ta' garaxxijiet sottostanti l-korp ta' bini bl-isem 'St.Anthony Court' b'faċċata fuq Triq Santa Rita kantuniera ma' Triq it-Torri l-Aħmar, Rabat, Malta.*

10. *Salv kif mitlub fis-seba' u/jew fit-tmien talba tar-rikorrent, tillikwida u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet, mhux necessarjament indaqs u tal-istess valur, kif jigi stabbilit u ordnat minn dina l-Qorti liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrent u l-ohra lill-intimata, tenendo kont ukoll tal-krediti parafernali kollha tar-rikorrent;*

11. *Alternattivament tordna illi dak is-sehem mill-kommunjoni tal-akkwisti li jkun spettanti lill-intimata jiġi assenjat lir-rikorrent bħala ħlas ta' darba (lump sum payment) għas-saldu tal-manteniment dovut mill-intimata lir-rikorrent ghall-minuri M u K, ahwa C;*

12. *Tiddikjara illi l-intimata mhijiex intitolata ghall-hlas ta' ebda manteniment minghand ir-rikorrent kemm ghaliex hija ghandha l-introjtu indipendenti tagħha u kif ukoll ghaliex hija ddekadiet minn kwalsijasi dritt li titlob u tottjeni hlas ta' manteniment minghand ir-rikorrent ;*

13. *Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi kull att pubbliku relattiv konsegwenzjalment ghat-talbiet tar-rikorrent, tiffissa data, lok u ħin għall-pubblikazzjoni tal-imsemmi att u tinnomina kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;*

14. *Tikkundanna lill-intimata sabiex tikkonsenja lir-rikorrent il-beni dotali, personali u parafernali kollha tieghu; u*

15. *Tawtorizza lir-rikorrent sabiex jirregistra s-sentenza li se tinghata fir-Registru Pubbliku u dan ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata li minn issa hija ngunta in subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur flimkien mad-dokumenti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentat tal-konvenuta NC datata 3 ta' Lulju 2023 *a fol 61 et seq;*

1. *Fl-ewwel lok, riferibbilment għall-ewwel talba tar-rikorrenti, l-esponenti taqbel illi għandha tiġi ppronunzjata l-firda personali bejn il-kontendenti iżda dan mhux għar-raġunijiet kif premessi mir-rikorrenti, iżda għal dawk premessi u talbiet magħmula mill-istanti fir-rikors ġuramentat rikonvenzjonali tagħha mressaq kontestwalment ma' din ir-risposta ġuramentata, u dan minħabba inter alia, adulterju, eċċessi, moħqrija, theddid u offizi gravi kommessi mill-istess rikorrenti; inoltre, il-ħajja flimkien tal-kontendenti ma għadiex aktar possibbli stante illi ż-żwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment għal raġunijiet unikament imputabbli lir-rikorrenti. L-esponenti ma hijiex ħatja tal-firda bejn il-kontendenti, biex b'hekk id-dispost tal-art. 48 (ċ) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jiġi komminat biss fil-konfront tar-rikorrenti. Għall-istess raġunijiet hawn premessi, l-esponenti taqbel ukoll illi l-kontendenti għandhom jiġu awtorizzati jgħixu separatament minn xulxin.*

2. *Fit-tieni lok, riferibbilment għat-tieni u għat-tielet talba tar-rikorrenti, dawn għandhom jiġu miċħuda mhux biss in vista tal-ewwel eċċezzjoni premessa u in vista tar-raġunijiet premessi u talbiet magħmula mill-istanti fir-rikors ġuramentat rikonvenzjonali tagħha mressaq kontestwalment ma' din ir-risposta ġuramentata iżda stante wkoll li ma jikkonkorrux l-estremi legali għall-applikazzjoni fil-konfront tal-esponenti tal-effetti tal-arti. 48, 51, 53 u 54 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jew liema minnhom, u konsegwentement għall-applikazzjoni tal-art. 52 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *Fit-tielet lok, riferibbilment għar-raba' talba tar-rikorrenti, din għandha tiġi miċħuda mhux biss in vista tar-raġunijiet premessi u talbiet magħmula mill-istanti fir-rikors ġuramentat rikonvenzjonali tagħha mressaq kontestwalment ma' din ir-risposta ġuramentata iżda 'l għaliex l-interess suprem tal-minorenni*

*M u K ahwa C jiddetta li l-kura ordinarja u l-kustodja tagħhom tiġi fdata esklussivament lill-esponenti hekk kif ukoll tiddetta li dawn jirrisjedu ordinarjament mal-istanti.*

4. *Fir-raba' lok, riferibbilment għall-ħames u għall-ħdax-il talba tar-rikorrenti, dawn għandhom jiġu miċħuda in vista tat-tielet eċċezzjoni premessa u in vista tar-raġunijiet premessi u talbiet magħmula mill-istanti fir-rikors ġuramentat rikonvenzjonali tagħha mressaq kontestwalment ma' din ir-risposta ġuramentata.*

5. *Fil-ħames lok, riferibbilment għas-sitt u għad-disa' talba tar-rikorrenti, dawn għandhom ukoll jiġu miċħuda mhux biss in vista tar-raġunijiet premessi u talbiet magħmula mill-istanti fir-rikors ġuramentat rikonvenzjonali tagħha mressaq kontestwalment ma' din ir-risposta ġuramentata iżda wkoll in kwantu ma jikkonkorrux l-estremi legali għall-iżgumbrament tal-esponenti, u l-konsegwenzjali rilaxx, tal-fond 'St. Anthony Court', Blokk B, Flat 4, Triq it-Torri l-Aħmar, ir-Rabat Malta.*

6. *Fis-sitt lok, riferibbilment għas-seba' u għat-tmien talba tar-rikorrenti, dawn għandhom ukoll jiġu miċħuda mhux biss in vista tar-raġunijiet premessi u talbiet magħmula mill-istanti fir-rikors ġuramentat rikonvenzjonali tagħha mressaq kontestwalment ma' din ir-risposta ġuramentata iżda wkoll stante l-fatt illi ebda beni parafernali tar-rikorrenti ma ġew użati u/jew applikati a benefiċċju tal-komunjoni tal-akkwisti viġġenti bejn il-kontendenti biex b'hekk l-istess rikorrenti ma huwa intitolat għal ebda ħlas kif minnu mitlub li jiġi likwiddat favurih.*

7. *Fis-seba' lok, riferibbilment għall-għaxar talba tar-rikorrenti, l-esponenti taqbel li tiġi tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u l-istess komunjoni likwidata; dan pero' fit-termini tar-rikors ġuramentat rikonvenzjonali tagħha mressaq kontestwalment ma' din ir-risposta ġuramentata. Tali xoljiment u likwidazzjoni għandu jsir tenut kont kemm l-attiv u kif ukoll il-passiv tal-istess komunjoni; din l-Onorabbli Qorti għandha wkoll tillikwida kull kreditu li l-esponenti għandha kemm versu l-*

*komunjoni tal-akkwisti u kif ukoll versu r-rikorrenti biex b'hekk sussegwentement tiddividi l-bilanċ formanti l-istess komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet, mhux neċessarjament indaqs u/jew tal-istess valur, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi sabiex jeffettwaw kull likwidazzjoni neċessarja u jipproponu pjan ta' divizjoni qabel ma' din l-Onorabbli Qorti tassenja l-istess porzjonijiet, waħda lill-esponenti u l-oħra lir-rikorrenti.*

8. *Fit-tmien lok, riferibbilment għat-tnax-il talba tar-rikorrenti, din għandha wkoll tiġi miċħuda mhux biss in vista tal-ewwel eċċezzjoni premessa u in vista tar-raġunijiet premessi u talbiet magħmula mill-istanti fir-rikors ġuramentat rikonvenzjonali tagħha mressaq kontestwalment ma' din ir-risposta ġuramentata iżda wkoll in vista tad-disparita' bejn l-attiv u l-introjtu komplessiv tal-kontendenti u wkoll 'l għaliex l-esponenti ma ddekadietx mill-jedd li titlob u tottjeni retta alimentari mingħand ir-rikorrenti versu l-ħtiġijiet personali tagħha.*

9. *Fid-disa' lok, riferibbilment għat-tlettax-il talba u għall-ħmistax-il talba tar-rikorrenti, l-esponenti ma għandiex objezzjoni għall-ħatra ta' Nutar Pubbliku sabiex, fit-termini imposti minn din l-Onorabbli Qorti, j/tirċevi kull att pubbliku konsegwenzjali għall-pronunzjament finali ta' din l-Onorabbli Qorti f'dawn il-proċeduri ġudizzjarji; lanqas ma għandha objezzjoni l-esponenti għar-reġistrazzjoni tal-pronunzjament finali ta' din l-Onorabbli Qorti f'dawn il-proċeduri ġudizzjarji fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.*

10. *Fl-għaxar lok, riferibbilment għall-erbatax-il talba tar-rikorrenti, din għandha wkoll tiġi miċħuda in kwantu ma jeżistu ebda beni personali, dotali u/jew parafernali li l-esponenti jeħtiġilha tikkonsenja lir-rikorrenti.*

11. *Salv eċċezzjonijiet oħra talvolta meħtieġa u permessi mill-Liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra ir-ikorrenti, li tinsab minn issa nġunt in subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni tal-intimata NC datata 3 ta' Lulju 2023;

*L-esponenti ma taqbilx mal-fatti kif kumplessivament riportati fir-rikors ġuramentat odjern, partikolarment, iżda mhux limitatament dawk kif riportati fit-tielet, fis-sitt, fis-seba', u fit-tmien premessa tar-rikors ġuramentat odjern.*

1. *Dwar l-ewwel eċċezzjoni: riferibbilment għall-ewwel talba tar-rikorrenti, l-esponenti taqbel illi għandha tiġi ppronunzjata l-firda personali bejn il-kontendenti iżda dan mhux għar-raġunijiet kif premessi mir-rikorrenti, iżda għal dawk premessi u talbiet magħmula mill-istanti fir-rikors ġuramentat rikonvenzjonali tagħha mressaq kontestwalment ma' din ir-risposta ġuramentata, u dan minħabba inter alia, adulterju, eċċessi, moħqrija, theddid u offizi gravi kommessi mill-istess rikorrenti; inoltre, il-ħajja flimkien tal-kontendenti ma għadiex aktar possibbli stante illi ż-żwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment għal raġunijiet unikament imputabbli lir-rikorrenti. L-esponenti ma hijiex ħatja tal-firda bejn il-kontendenti, biex b'hekk id-dispost tal-art. 48 (ċ) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jiġi komminat biss fil-konfront tar-rikorrenti. Għall-istess raġunijiet hawn premessi, l-esponenti taqbel ukoll illi l-kontendenti għandhom jiġu awtorizzati jgħixu separatament minn xulxin.*

2. *Dwar it-tieni eċċezzjoni: riferibbilment għat-tieni u għat-tielet talba tar-rikorrenti, dawn għandhom jiġu miċħuda mhux biss in vista tal-ewwel eċċezzjoni premessa u in vista tar-raġunijiet premessi u talbiet magħmula mill-istanti fir-rikors ġuramentat rikonvenzjonali tagħha mressaq kontestwalment ma' din ir-risposta ġuramentata iżda stante wkoll li ma jikkonkorrux l-estremi legali għall-applikazzjoni fil-konfront tal-esponenti tal-effetti tal-arti. 48, 51, 53 u 54 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jew liema minnhom, u konsegwentement għall-applikazzjoni tal-art. 52 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *Dwar it-tielet eċċezzjoni: riferibbilment għar-raba' talba tar-rikorrenti, din għandha tiġi miċħuda mhux biss in vista tar-raġunijiet premessi u talbiet magħmula mill-istanti fir-rikors ġuramentat rikonvenzjonali tagħha mressaq kontestwalment ma' din ir-risposta ġuramentata iżda 'l għaliex l-interess suprem tal-minorenni M u K aħwa C jiddetta li l-kura ordinarja u l-kustodja*

*tagħhom tiġi fdata esklussivament lill-esponenti hekk kif ukoll tiddetta li dawn jirrisjedu ordinarjament mal-istanti.*

4. *Dwar ir-raba' eċċezjoni: riferibbilment għall-ħames u għall-ħdax-il talba tar-rikorrenti, dawn għandhom jiġu miċħuda in vista tat-tielet eċċezzjoni premessa u in vista tar-raġunijiet premessi u talbiet magħmula mill-istanti fir-rikors ġuramentat rikonvenzjonali tagħha mressaq kontestwalment ma' din ir-risposta ġuramentata.*

5. *Dwar il-ħames eċċezzjoni: riferibbilment għas-sitt u għad-disa' talba tar-rikorrenti, dawn għandhom ukoll jiġu miċħuda mhux biss in vista tar-raġunijiet premessi u talbiet magħmula mill-istanti fir-rikors ġuramentat rikonvenzjonali tagħha mressaq kontestwalment ma' din ir-risposta ġuramentata iżda wkoll in kwantu ma jikkonkorrux l-estremi legali għall-iżgumbrament tal-esponenti, u l-konsegwenzjali rilaxx, tal-fond 'St. Anthony Court', Blokk B, Flat 4, Triq it-Torri l-Aħmar, ir-Rabat Malta.*

6. *Dwar is-sitt eċċezzjoni: riferibbilment għas-seba' u għat-tmien talba tar-rikorrenti, dawn għandhom ukoll jiġu miċħuda mhux biss in vista tar-raġunijiet premessi u talbiet magħmula mill-istanti fir-rikors ġuramentat rikonvenzjonali tagħha mressaq kontestwalment ma' din ir-risposta ġuramentata iżda wkoll stante l-fatt illi ebda beni parafernali tar-rikorrenti ma ġew użati u/jew applikati a benefiċċju tal-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-kontendenti biex b'hekk l-istess rikorrenti ma huwa intitolat għal ebda ħlas kif minnu mitlub li jiġi likwidat favurih.*

7. *Dwar is-seba' eċċezzjoni: riferibbilment għall-għaxar talba tar-rikorrenti, l-esponenti taqbel li tiġi tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u l-istess komunjoni likwidata; dan pero' fit-termini tar-rikors ġuramentat rikonvenzjonali tagħha mressaq kontestwalment ma' din ir-risposta ġuramentata. Tali xoljiment u likwidazzjoni għandu jsir tenut kont kemm l-attiv u kif ukoll il-passiv tal-istess komunjoni; din l-Onorabbli Qorti għandha wkoll tillikwida kull kreditu li l-esponenti għandha kemm versu l-komunjoni tal-akkwisti u kif ukoll versu r-rikorrenti biex b'hekk*

*sussegwentement tiddividi l-bilanċ formanti l-istess komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet, mhux neċessarjament indaqs u/jew tal-istess valur, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi sabiex jeffettwaw kull likwidazzjoni neċessarja u jipproponu pjan ta' divizjoni qabel ma' din l-Onorabbli Qorti tassenja l-istess porzjonijiet, waħda lill-esponenti u l-oħra lir-rikorrenti.*

8. *Dwar it-tmien eċċezzjoni: riferibbilment għat-tnax-il talba tar-rikorrenti, din għandha wkoll tiġi miċħuda mhux biss in vista tal-ewwel eċċezzjoni premessa u in vista tar-raġunijiet premessi u talbiet magħmula mill-istanti fir-rikors ġuramentat rikonvenzjonali tagħha mressaq kontestwalment ma' din ir-risposta ġuramentata iżda wkoll in vista tad-disparita' bejn l-attiv u l-introjtu komplessiv tal-kontendenti u wkoll 'l għaliex l-esponenti ma ddekadietx mill-jedd li titlob u tottjeni retta alimentari mingħand ir-rikorrenti versu l-ħtiġijiet personali tagħha.*

9. *Dwar id-disa' eċċezzjoni: riferibbilment għat-tlettax-il talba u għall-ħmistax-il talba tar-rikorrenti, l-esponenti ma għandiex objezzjoni għall-ħatra ta' Nutar Pubbliku sabiex, fit-termini imposti minn din l-Onorabbli Qorti, j/tirċevi kull att pubbliku konsegwenzjali għall-pronunzjament finali ta' din l-Onorabbli Qorti f'dawn il-proċeduri ġudizzjarji; lanqas ma għandha objezzjoni l-esponenti għar-reġistrazzjoni tal-pronunzjament finali ta' din l-Onorabbli Qorti f'dawn il-proċeduri ġudizzjarji fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.*

10. *Dwar l-għaxar eċċezzjoni: riferibbilment għall-erbatax-il talba tar-rikorrenti, din għandha wkoll tiġi miċħuda in kwantu ma jeżistu ebda beni personali, dotali u/jew parafernali li l-esponenti jeħtiġilha tikkonsenja lir-rikorrenti.*

*Salv eċċezzjonijiet oħra talvolta meħtieġa u permess mill-Liġi.*

*L-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.*

Rat il-kontro-talba tal-intimata datata 3 ta' Lulju 2023, a fol 68 et seqq., li taqra hekk:

1. *Il-kontendenti żżewġu f'Malta fis-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u ħdax (2011) – Dok. 'A'.*

2. *Minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, u ċioe` MC – li twieled f'X– u KC – li twieldet f'Y. – Dok. 'B' u Dok. 'Ċ'.*

3. *Ir-rikorrenti rikonvenzjonat irrenda ruħu responsabbli fil-konfront tal-esponenti ta', inter alia, adulterju, eċċessi, moħqrija, theddid u offizi gravi; inoltre, il-ħajja flimkien tal-kontendenti ma għadiex aktar possibbli stante illi ż-żwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment għal raġunijiet unikament imputabbli lir-rikorrenti rikonvenzjonat.*

   *Ir-rikorrenti rikonvenzjonat inoltre, kontinwament ittanta li jikkontrolla lill-esponenti u jimmanipola lill-ulied il-kontendenti kontra tagħha, wara snin twal li fihom kienet dejjem hi li serviet bħala l-primary carer tal-istess ulied; mhux talli ir-rikorrenti rikonvenzjonat ftit li xejn kien jieħu rwol attiv fit-trobbija ta' ulied il-kontendenti talli kien, f'dan l-aspett, iħalli kollox f'idejn l-esponenti u ftit li xejn kien iqatta' ħin id-dar 'l għaliex kien jagħżel li jqatta' ħinu bnadi oħra. Dawn l-elementi fil-karattru tar-rikorrenti rikonvenzjonat wasslu mhux biss għat-tifrik taż-żwieġ odjern imma wkoll żammew lura lill-esponenti minn opportunitajiet ta' xogħol fejn hija kella tara kif tagħmel u, b'għożża u b'impenn lejn uliedha tara hi, waħedha, kif ser taħdem f'ħinijiet li ma jaħbtux mal-ħinijiet tal-iskola ta' ulied ulied il-kontendenti, b'tali mod li assigurat ruħha li dejjem tkun preżenti għal uliedha, għas-support morali u għall-għajnuna fix-xogħol tal-iskola li jkun meħtieġ minn jum għall-ieħor, sabiex tieħu ħsieb dak kollu li huma jkunu jeħtieġu fil-ħinijiet ta' wara l-iskola, bin-norma tkun li r-rikorrenti rikonvenzjonat jasal mix-xogħol u ħruġ ieħor għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija.*

4. *Minkejja l-isforzi estenwanti tal-esponenti, iż-żwieġ odjern kompla dejjem sejjer lura għal raġunijiet unikament imputabbli lir-rikorrenti rikonvenzjonat, b'dana 'lli t-tifrik tal-istess żwieġ laħaq il-qofol tiegħu meta f'Jannar tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022), filwaqt li l-familja C kienet rekluża d-dar affetta mill-COVID-19, l-esponenti ġiet aggredita fiżikament*

*mir-rikorrenti rikonvenzjonat li mbottaha u ħabtilha rasha mal-ħajt, bil-konsegwenza li sofriet ġrieħi f'rasha tant illi kellha tittieħed l-isptar b'ambulanza. F'dan il-punt l-esponenti kellha tieħu passi sabiex tipproteġi lilha nnifisha u b'għażla tagħha, għad li kontra qalbha, għażlet li tibda torqod barra mid-dar matrimonjali billi toħroġ minnha appena r-rikorrenti rikonvenzjonat jasal lura mix-xogħol jew ħruġ ieħor tiegħu, b'dana illi baqgħet timpenja ruħha tattendi kulljum filgħodu kmieni sabiex tara lil uliedha qabel il-ħin tal-iskola u baqgħet ukoll tmur id-dar wara nofsinhar, u ċioe' wara l-ħin tax-xogħol tagħha, sabiex tkun preżenti għal uliedha, tassitihom fix-xogħol tal-iskola u xogħol ieħor li kienet tagħmel qabel dan il-perijodu mat-tfal, bl-aktar mod normali, ta' kulljum u b'impenn.*

*F'dan il-punt, ir-rikorrenti rikonvenzjonant beda jikkonfoffa ma' membri tal-familja tiegħu, b'mod partikolari mal-ġenituri tiegħu, li jgħixu fil-viċinanzi tad-dar matrimonjali, sabiex immedjatament wara l-ħin tal-iskola, l-ulied jiġu litteralment issekwestrati lejn id-dar tan-nanniet paterni f'liema ambjent, u fi ftit xhur, l-esponenti rat kambjament totali fil-komportament ta' uliedha u fil-mod li bih iġibu ruħhom fil-preżenza tal-esponenti li f'għajnejhom, u bla dubju ta' xejn bl-isforzi tar-rikorrenti rikonvenzjonat, ġiet oskurata b'tali mod li llum l-esponenti qiegħda ssibha diffiċli ferm taċċedi għal uliedha li l-komportament tagħhom lejha qiegħed jippreċipita.*

*F'dan l-isfond xejn pjaċevoli għall-esponenti, sitwazzjoni li mingħajr ebda dubju tmur kontra l-interess suprem ta' ulied il-kontendenti stante li dejjem kienet hi li assistiethom fix-xogħol edukattiv tagħhom – xi ħaġa li r-rikorrenti rikonvenzjonat u familtu ftit li xejn huma kapaċi jagħmlu – l-esponenti qiegħda taċċedi għal uliedha in forza ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat sitta (6) ta' Lulju tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) f'weekends alternattivi minn ġimgħa għall-oħra – Dok. 'D'. Filwaqt allura li teoretikament l-esponenti għad għandha aċċess għall-minorenni fid-dar matrimonjali matul il-ġimgħa, kif ingħad, dan qiegħed jiġi kontinwament imminat mir-rikorrenti rikonvenzjonat u l-membri tal-familja tiegħu, li qiegħdin iċaħħdu lill-esponenti mid-drittijiet tagħha u agħar minn hekk, fil-*

*proċess, jimminaw ukoll ir-relazzjoni tagħhom mal-istanti, li sa ftit xhur ilu kienet waħda normalissima.*

*F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti rikonvenzjonat ilu ormai snin jikkritika l-figura tal-esponenti fil-preżenza tagħha stess u allura wieħed jista' biss jimmaġina x'qiegħed isir minn wara darha, għad li min naħa tiegħu filwaqt li jgħajjar lil ħaddieħor u jimmina r-relazzjoni tal-esponenti ma' uliedha, inkluż billi jkun kuntent iħalli lil uliedu man-nanniet paterni tagħhom waqt li huwa jagħmel siegħat barra mid-dar matrimonjali, minflok jippermettilhom iqattgħu ħin ma' ommhom, huwa mbagħad ma jiddejjaq xejn ilaqqagħhom mas-sieħba tiegħu fi tmiem il-ġimgħa u jippermetti li jiġu ppublikati ritratti biex ikompli jgħawwar sitwazzjoni diġa' ħażina ferm bl-għażliet tiegħu – bħal li kieku jrid jgħamilha ċara li jrid jissostitwixxi lill-esponenti għal kollox minn ħajjet ulied il-kontendenti. Dawn il-preokkupazzjonijiet huma ormai dokumentati fir-rapport tal-Psikologa Carmen Sammut redatt fi stadju ta' medjazzjoni in atti tal-Ittra bir-riferenza numru 1285/2021 u li fih huwa ampjament ċar li dak li jikkonċerna lill-esponenti huwa l-ħin u l-irwol tagħha fit-trobbija tal-ulied li bil-vendikazzjonijiet tar-rikorrenti rikonvenzjonat qiegħed dejjem jiġi mnaqqar b'sabotaġġ, filwaqt li dak li jikkonċerna lilu huwa msejjes fuq gideb u allegazzjonijiet infondati u fiergħa.*

*Minkejja l-isforzi estenwanti tal-esponenti matul dawn l-aħħar żminijiet sabiex jintlaħaq ftehim dwar il-firda personali ta' bejn il-kontendenti, l-istess ftehim baqa' ma seħħx għal raġunijiet unikament imputabbli lir-rikorrenti rikonvenzjonat. Għaldaqstant kellha ssir din il-kawża.*

5. *Il-kontendenti għandhom ukoll proprjeta' immobbli in komun bejniethom, fejn minbarra d-dar matrimonjali hemm ukoll appartament u żewġ garages flimkien ma' penthouse li filwaqt li nbniet fuq proprjeta' tal-familja tar-rikorrenti rikonvenzjonat, nbniet tul iż-żwieġ, minn ġid tal-komunjoni tal-akkwisti viġġenti bejn il-kontendenti; din illum qiegħda tinkera lil terzi u minn tali rikavat l-istanti ma hija tipperċepixxi xejn.*

6. *Ai termini ta' digriet datat tmienja (8) ta' Frar tas-sena kurrenti elfejn tlieta u għoxrin (2023) [in atti tal-Ittra numru 1285/2021], l-esponenti ġiet debitament awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jipproċedi f'din l-istanza – Dok. 'E'.*

7. *Ir-rikorrenti taf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

***Jgħid għalhekk*** *ir-rikorrenti rikonvenzjonat għaliex, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u mogħtija dawk il-provvedimenti kollha neċessarji fiċ-ċirkostanzi tal-każ, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *tiddikjara Iir-rikorrenti rikonvenzjonat unikament responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ odjern, għal dawk ir-raġunijiet kollha ndikati fir-rikors ġuramentat odjern, jew liema minnhom, u 'lli abbażi tagħhom qiegħda tintalab il-firda personali bejn il-kontendenti;*

2. *tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti stante r-raġunijiet indikati, jew liema minnhom;*

3. *tistabilixxi d-data meta l-istess rikorrenti rikonvenzjonat għandu jiġi kkunsidrat li kkaġuna il-firda bejn il-kontendenti u tapplika in toto jew in parte kontra l-istess rikorrenti rikonvenzjonat id-dispożizzjonijiet tal-arti. tmienja u erbgħin [48], wieħed u ħamsin [51], tnejn u ħamsin [52], tlieta u ħamsin [53] u erbgħa u ħamsin [54], tal-Kap. sittax [16] tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *tiddikjara u tiddeċiedi 'lli s-setgħat ta' ġenitur fir-rispett tal-minorenni MC u KC għandhom jiġu vestiti unikament fl-esponenti;*

5. *tiddikjara u tiddeċiedi 'lli l-esponenti għandha tiġi fdata, ad esklużjoni tar-rikorrenti rikonvenzjonat, bil-kura u l-kustodja tal-minorenni MC u KC, u dan fl-interess suprem tal-istess minorenni; tiddikjara u tiddeciedi ulterjorment 'lli għandha tkun l-esponenti waħidha li tieħu dawk id-*

*deċiżjonijiet kollha rigwardanti s-saħħa, l-edukazzjoni u l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-imsemmija minorenni;*

6. *tiddikjara u tiddeċiedi 'lli r-residenza ordinarja tal-minorenni MC u KC għandha tkun mal-esponenti;*

7. *tiddikjara u tiddeciedi 'lli r-rikorrenti għandu jkollu aċċess, hekk kif regolat minn din l-Onorabbli Qorti, għall-minorenni MC u KC, u dan fl-interess suprem tal-istess minorenni;*

8. *tiffissa retta alimentari dovuta lill-esponenti mir-rikorrenti rikonvenzjonat versu l-ħtiġijiet tal-istess esponenti, u tordna lill-istess rikorrenti rikonvenzjonat iħallas dik ir-retta alimentari skont dawk il-modalitajiet illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi, inkluż ordni għal żieda perjodika fl-istess retta alimentari versu ż-żieda fl-indiċi tal-inflazzjoni;*

9. *tiffissa retta alimentari dovuta lill-esponenti mir-rikorrenti rikonvenzjonat versu l-ħtiġijiet tal -minorenni MC u KC, u tordna lill-istess rikorrenti rikonvenzjonat iħallas dik ir-retta alimentari skont il-liġi u skont dawk il-modalitajiet illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi, inkluż ordni għal żieda perjodika fl-istess retta alimentari versu ż-żieda fl-indiċi tal-inflazzjoni;*

10. *tordna lir-rikorrenti rikonvenzjonat jikkontribwixxi versu l-ħtiġijiet edukattivi u mediċi u versu l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minorenni MC u KC; tiffissa konsegwentement kontribuzzjoni finanzjarja dovuta lill-esponenti mir-rikorrenti rikonvenzjonat versu l-ħtiġijiet edukattivi, mediċi u extra-kurrikulari tal-minorenni MC u KC, u tordna lill-istess rikorrenti rikonvenzjonat iħallas dik il-kontribuzzjoni skont il-liġi u skont dawk il-modalitajiet illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi;*

11. *tordna 'lli kull benefiċċju statali perċepibbli fl-interess tal-minorenni MC u KC jiġi hekk perċepit unikament mill-esponenti;*

12. *tagħti kull provvediment ieħor opportun li jikkonċerna lill-minorenni, inkluż provvediment dwar il-ħruġ u t-tiġdid tal-passaporti tal-minorenni u dwar is-safar tal-istess;*

13. *tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess tenut kont kemm l-attiv u kif ukoll il-passiv tal-istess komunjoni; tillikwida wkoll kull kreditu li l-esponenti għandha kemm versu l-komunjoni tal-akkwisti u kif ukoll versu r-rikorrent rikonvenzjonat; sussegwentement tiddividi l-bilanċ formanti l-istess komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet, mhux neċessarjament ugwali u/jew tal-istess valur, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi sabiex jeffettwaw kull likwidazzjoni neċessarja u jipproponu pjan ta' divizjoni;*

14. *tassenja l-istess porzjonijiet, waħda lill-esponenti u l-oħra lir-rikorrenti rikonvenzjonat;*

15. *tiddikjara u tiddecidi 'lli kwalunke kumpens u/jew flejjes 'lli jistgħu talvolta jkunu pagabbli lill-esponenti in konnessjoni mal-eżerċizzju f'kull żmien tal-professjoni tagħha, għandhom, mid-data stabbilita permezz tat-tielet talba supra, jiġu perċepiti unikament mill-esponenti;*

16. *tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenzjonat, sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, jikkonsenja lill-esponenti l-oġġetti kollha dotali u parafernali tagħha, inklużi flus u krediti oħra, u fin-nuqqas, tikkundanna lill-istess rikorrenti rikonvenzjonat iħallas il-valur tal-istess, bl-opra, okkorrendo, ta' periti nominandi sabiex jeffettwaw il-kalkoli neċessarji f'dan ir-rigward;*

17. *tordna li l-esponenti tiġi mogħtija l-piena amministrazzjoni tal-beni dotali u parafernali tagħha;*

18. *tinnomina Nutar Pubbliku sabiex j/tippubblika u Kuraturi Deputati sabiex jidhru fl-assenza tal-parti dissenzjenti fuq kull att meħtieġ sabiex jingħata effett għall-eventwali pronunzjament ta' din l-Onorabbli Qorti;*

19. *tordna li s-sentenza eventwali ta' din l-Onorabbli Qorti tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti rikonvenzjonat li jinsab minn issa nġunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata tal-attur datata 14 ta' Lulju 2023 *a fol 84 et seqq.*, li taqra hekk:

16. *Preliminarjament, in-nullita' tal-att prezentat minn NC in kwantu dan l-att ġie ppreżentat fuori termine bhala 'Rikors Guramentat' ex novo u dan, kif minnha stess dikjarat, abbazi tad-digriet datat 8 ta' Frar, 2023 in atti tal-Ittra Numru 1285/2021 li awtorizzat lill-partijiet sabiex jipprocedu "b'kawża fiż-żmien li trid il-ligi". A tenur ta' regolament 7(1) ta' Leġislazzjoni Sussidjarja 12.20, it-terminu "li trid il-liġi" huwa ta' xahrejn mid-Digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti, u għalhekk kellha sa mhux izjed tard mit-8 t'April, 2023 sabiex tippreżenta kawza ghal separazzjoni personali. Kjarament ir-Rikors Guramentat minnha ppreżentat fis-7 ta' Lulju, 2023 ġie ppreżentat fuori termine u ghalhekk huwa null u bla ebda effett.*

17. *Sussidjarjament u assolutament minghajr ebda pregudizzju ghal dak hawn fuq eċċepit -:*

*(i) L-esponent jikkonferma l-kontenut tal-ewwel żewġ paragrafi tar-Rikors Guramentat preżentat minn NC;*

*(ii) L-esponent jiċħad bil-qawwa dak dikjarat fit-tielet paragrafu tal-imsemmi 'Rikors Ġuramentat' ta' NC għaliex dan assolutament mhuwiex minnu.*

*NC kellha l-ardir illi takkuża lill-esponent b'adulterju meta hija taf ben tajjeb, u dan se jiġi ampjament ippruvat fil-kors ta' din il-kawża, li kienet hi li*

*rrendiet ruħha ħatja ta' adulterju billi bdiet relazzjoni adultera u extra-matrimonjali ma' ċertu NF,* taxi driver, *persuna illi fil*-konfront *tiegħu hemm jew kien hemm numru ta' proċeduri kriminali, dwar liema wkoll se jinġiebu l-provi appożiti f'din il-kawża. Dan il-fatt fih innifsu, u cioe' akkuża falza ta'* adulterjuri *fil*-konfront *tal-esponent, jikkostitwixxi offiża gravi mwettqa minn NC fil*-konfront *tal-esponent, u dan ukoll skond ġurisprudenza kostanti tal-qrati tagħna.*

*In oltre assolutament mhuwiex minnu illi l-esponent irrenda ruħu responsabbli fil*-konfront *ta' NC ta' 'eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi'; għall*-kuntrarju *kienet NC li rrendiet ruħha ħatja ta' adulterju, eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi fil*-konfront *tal-esponent, u dan kif se jiġi ampjament ippruvat. Da parti tiegħu, l-esponent dejjem għamel ħiltu kollha għall-familja, dejjem ħadem u stinka għall-ġid tal-familja u dejjem ta l-ikbar kura, attenzjoni u għożża anke liż-żewġ ulied kif għadu jagħmel sal-lum, a differenza ta' NC.*

*Dak imtenni bil-ġurament minn NC illi hija kienet il*-primary carer *tal-ulied u li l-esponent "ftit li xejn kien jieħu rwol attivi fit-trobbija tagħhom" mhi xejn għajr gidba mill-iżjed sfaċċata li se tiġi ampjament imxejna mill*-provi *li se jiġu prodotti.*

*Imbagħad hija ugwalment sfaċċata d-dikjarazzjoni magħmula taħt ġurament minn NC illi l-esponent "ftit li xejn kien iqatta' ħin id-dar 'l għaliex kien jagħżel li jqatta' ħinu bnadi oħra". Hija ma ssemmiex fejn kienu dawn il-'bnadi oħra' u dan proprju għaliex l-esponent m'ghandu ebda vizzjijiet, ma jmurx fi hwienet, ma jmurx f'każini, m'ghandu ebda delizzju li joħodlu l-ħin* mill-familja *u l-ħin tieghu dejjem iddedikah biss – kif għadu sal*-lum *– għal zewg affarijiet: il-familja u x-xoghol. Meta ma jkunx xoghol, l*-esponent *ikun* id-dar *mal-familja (illum ma' uliedu li jgħixu mieghu); u meta ma jkunx id*-dar *mal-familja, ikun ix-xoghol. Mid-dar ghax-xoghol, u mix-xoghol ghad*-dar *– dik hija r-rutina tal-esponent, kif kienet ukoll matul iż-żwieġ. U anke d-divertiment tieghu huwa kollu konċentrat madwar it-tfal u cioe' l*-uniku *hrug tieghu huwa mal-ulied fejn huwa jaghmel minn kollox biex johodhom*

*f'ambjenti sbieħ fejn jieħdu divertiment san, u mhux f'ambjenti ta' droga u kokaina li bdiet tiffrekwenta NC.*

*Dwar l-assenza mid-dar tajjeb li jiġi sottolineat li minkejja li taparsi NC għadha tghix fid-dar matrimonjali, fil-verita dan mhuwiex il-każ iżda qieghda tghix mal-'maħbub tagħha' 'l fuq imsemmi NF u d-dar matrimonjali tersaq biss biex iddejjaq u tivvessa lill-esponent, tmur hemm (meta jfettlilha) fis-sieghat bikrin ta' filghodu waqt li kulhadd ikun rieqed, tħammeg, taghmel il-hsara, tieħu l-affarijiet u taghmel vendikazzjonijiet ohra bhal ad ezempju meta tohrog u fid-dar ma jkun hemm ħadd thalli l-bieb ta' barra miftuh. Altru milli fittxet xoghol li ma jahbatx mal-impenji tal-ulied, kif qalet f'dan il-paragrafu !*

*(iii) Illi fir-rigward ta' dak imtenni fir-raba' paragrafu tar-Rikors Ġurametnat preżentat minn NC, l-esponent jiċħad dawn l-allegazzjonijiet bil-qawwa kollha u r-realta' hija li f'Jannar, 2022 iz-zwieg bejn il-kontendenti kien diga tkisser minħabba fir-relazzjoni adultera illi hija kienet qabdet mal-fuq imsemmi NF. L-esponent jiċħad bil-qawwa kollha illi huwa sawwatha u ħabbtilha rasha mal-ħajt u din ma kienet xejn ghajr messa in xena ta' NC, possibilment fuq il-pariri ta' min huwa midhla ħafna tal-awli tal-qorti kriminali, mhux bħall-esponent li qatt ma kellu ebda problemi mal-ligi u qatt ma kellu ebda kawzi kriminali fil-konfront tieghu. Fil-fatt NC ħolqot dan l-incident bħala messa in xena biex ikollha skuza sabiex minflok tkompli torqod id-dar ma' żewġha u ma' uliedha tmur torqod mal-'maħbub' tagħha 'l fuq imsemmi NF u anke ssiefer miegħu.*

*Assolutament mhuwiex minnu illi NC baqghet timpenja ruħha biex tiehu hsieb tal-ulied, u wisq inqas hija minnha l-akkuża faħxija illi l-esponent u/jew il-genituri tieghu 'issekwestraw' lill-ulied biex johduhom huma wara l-iskola. Ghall-kuntrarju, NC kienet ippreżentat lill-iskola tat-tfal formola b'firma* ***falsifikata*** *tal-esponent sabiex il-minuri jibdew jinġabru mill-iskola mill-habiba taghha MAC u dwar dan ukoll se jinġiebu provi ampji. Huwa l-esponent illi jaghti kura u attenzjoni kontinwa lill-minuri, u l-minuri qeghdin jghixu hajja ferhana u filwaqt li mhijiex l-intenzjoni tal-esponent illi jwaqqaf*

*lil NC milli tkun preżenti fil-hajja tal-minuri, kuntrarjament għal dak li qed jiġi minnha allegat, pero  l-esponent jopponi bil-qawwa illi uliedu jkunu esposti ghall-preżenza tal-'mahbub' tagħha NF u li jiġu esposti ghal sitwazzjonijiet ta' eżempju ferm hazin u possibilment abbuż ta' droga.*

*Dwar il-preżenza tas-'siehba' tal-esponent, l-esponent itenni illi huwa beda johrog ma' din il-persuna zmien twil wara li z-zwieg tal-kontendenti kien tkisser minn NC u addirittura zmien wara li kienet diga nfethu l-proceduri ta' separazzjoni. Mhux hekk pero NC illi dahlet f'relazzjoni adulterja mal-fuq imsemmi NF waqt li z-zwieg kien ghadu fis-sehh. Barra minn hekk din is-'siehba' tal-esponent tiltaqa' biss sporadikament mal-minuri u l-esponent, kuntrarjament ghal dak li qed jigi allegat, m'ghandu ebda intenzjoni illi din is-'siehba' tirrimpjazza lil NC bħala ommhom. Tajjeb li jigi sottolineat ukoll pero illi din il-persuna m'ghandha ebda rekord kriminali, m'ghandha ebda proceduri kriminali fil-konfront taghha u m'ghandha ebda konnessjonijiet ta' ebda tip la ma' uzu u lanqas ma' traffikar tad-droga.*

*Illi s-separazzjoni ma gietx konkluza b'mod bonarju ghal ragunijiet imputabbli lil NC u mhux lill-esponent, u l-asserzjoni fl-ahhar paragrafu ta' paragrafu (4) illi "ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza" hija wahda ghal kollox fiergha ghaliex il-kawza nfethet mill-esponent u mhux minnha wara li kull tentattiv biex is-separazzjoni tigi konkluza b'mod bonarju falla minhabba l-attitudni tagħha li qajla kienet taghti kaz tikkommunika mal-avukati li kienu jassistuha sakemm ġiet biex tikkontesta din il-kawza.*

*(iv) Illi ghal dak li jirrigwarda paragrafu (5) tar-Rikors Guramentat preżentat minn NC, l-esponent jaghmel ampja riferenza ghal dak minnu diga mtenni f'paragrafu (12) tar-Rikors Guramentat promotur minnu pprezentat entro t-terminu stabbilit bil-ligi, a skans ta' ripetizzjonijiet inutli, filwaqt li jżid jghid li fir-rigward tal-ispejjez kollha konnessi ma dawn il-propjetajiet NC ma tikkontribwixxi assolutament xejn.*

18. *Sussidjarjament ukoll u assolutament minghajr ebda pregudizzju ghal dak hawn fuq eċċepit, fir-rigward tat-talbiet imressqa minn NC fir-Rikors*

*Ġuramentat minnha ppreżentat fis-7 ta' Lulju, 2023, l-esponent iwieġeb kif ġej -:*

*(i) l-ewwel talba għandha tiġi miċħuda stante illi fil-fatt hija NC, u mhux l-esponent, unikament responsabbli għat-tkissir taż-żwieg minħabba adulterju, abbandun, eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi fil-konfront tal-esponent;*

*(ii) it-tieni talba ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali għandha tiġi akkolta (fil-fatt tali talba diġa saret mill-esponent fir-Rikors Guramentat minnu ppreżentat entro t-terminu mogħti mil-liġi) pero mhux għar-raġunijiet indikati minn NC fir-Rikors Guramentat minnha pprezentat;*

*(iii) it-tielet talba għandha tiġi miċġuda għaliex gjaladarba l-esponent mhuwiex responsabbli għat-tkissir taz-zwieg, isegwi li allura ma tistax tigi stabbilita data meta l-esponent ghandu jigi kkunsidrat li kkagġuna l-firda, u t-talba sabiex jiġu applikati fil-konfront tal-esponent id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 48, 51, 52, 53 u 54 tal-Kodiċi Ċivili, ghandha, għall-istess raġunijiet hawn imfissra, tiġi miċħuda;*

*(iv) ir-raba' talba għandha tiġi miċhuda u minflok jiġi dikjarat u deċiż illi s-etghat ta' genitur fir-rispetti tal-minorenni MC u KC għandhom jigu vestiti unikament fl-esponent u mhux fil-persuna ta' NC;*

*(v) il-ħames talba għandha tiġi miċħuda u għandu jiġi dikjarat, fl-interess suprem tal-minuri, illi għandu jkun l-esponent li jiġi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri MC u KC u jiġi dikjarat illi d-deċiżjonijiet kollha rigwardanti s-saħħa, edukazzjoni, trobbija u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri għandhom jittieħdu mill-esponent u mhux minn NC;*

*(vi) is-sitt talba għandha tiġi miċhuda u għandu jiġi dikjarat illi r-residenza ordinarja tal-minuri MC u KC għandha tkun mal-esponent, kif inhi llum, u dan ukoll skond ix-xewqat tal-istess minuri;*

*(vii) is-seba' talba kif dedotta għandha tiġi miċħuda u minflok jiġi dikjarat illi għandha tkun NC illi jkollha aċċess għall-minuri f'dawk il-ġranet u ħinijiet li jiġu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti purche illi tali aċċess ma jiġix eżerċitat fil-preżenza tas-sieħeb ta' NC, NF, u dan għaliex mhuwiex fl-interess suprem tal-minuri;*

*(viii) it-tmien talba għandha tiġi miċħuda u minflok għandha tkun NC li tiġi ordnata li tħallas retta alimentari lill-esponent għall-bżonnijiet tal-minuri u dan in vista tal-fatt illi l-minuri jghixu u jirrisjedu mal-esponent u huwa l-esponent illi jipprovdi għall-bżonnijiet kollha tagħhom;*

*(ix) id-disa' talba kif dedotta għandha tiġi miċhuda għall-istess raġunijiet imfissra fir-rigward tat-tmien talba u l-ordni li NC qed titlob li għandu jinħareg fil-konfront tal-esponent minflok għandu jinħareġ fil-konfront tagħha;*

*(x) l-għaxar talba kif dedotta  għandha tiġi miċhuda għall-istess raġunijiet imfissra fir-rigward tat-tmien talba u l-ordni li NC qed titlob li għandu jinħareg fil-konfront tal-esponent minflok għandu jinħareġ fil-konfront tagħha;*

*(xi) il-ħdax-il talba għandha tiġi miċħuda u ghandu jigi ordnat li, ghar-ragunijiet hawn fuq imfissra, tali beneficcji ghandhom jiġe perċepiti mill-esponent u dan billi tali beneficcji jipoġġew f'kont bankarju intestat f'isem il-minuri bhala the ultimate beneficial owners sabiex tali benefiċċji jinghataw lill-istess minuri meta jilhqu l-maġġoreta' jew oltre;*

*(xii) it-tnax-il talba mhjiex opposta b'dan pero illi tali ordnijiet u provvedimenti ikunu jirriflettu l-fatt illi qed jigi mitlub illi l-awtorita' ta' genitur u l-kura u kustodja tal-minuri tigi vestita fl-esponent u mhux fil-persuna ta' NC, u dan fl-interess suprem tal-istess minuri;*

*(xiii) it-tlettax-il talba mhijiex opposta u l-esponent diga ghamel din it-talba bhala s-sitt talba fir-Rikors Guramentat minnu pprezentat entro z-zmien*

*preskritt mil-ligi u ghalhekk din it-talba ghandha tigi milqugha fis-sens mitlub mill-esponent fir-Rikors Guramentat promotur minnu pprezentat;*

*(xiv) l-erbatax-il talba mhijiex opposta dejjem pero fit-termini ta' dak hawn eċċepit u dak mitlub mill-esponent fir-Rikors Guramentat promotur minnu pprezentat;*

*(xv) il-ħmistax-il talba mhijiex opposta purche illi l-istess provvediment jinghata wkoll fil-konfront tal-esponent;*

*(xvi) fir-rigward tas-sittax-il talba din qed tiġi opposta stante illi Nadine Cutjar minn god-dar matrimonjali kaxkret mhux biss l-oġġetti dotali u parafernali taghħa izda wkoll bosta affarijiet li jappartjenu lill-kommunjoni tal-akkwisti u li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni, divizjoni u assenjazzjoni tal-istess;*

*(xvii) is-sbatax-il talba mhijiex opposta purche illi l-istess provvediment jinghata wkoll fil-konfront tal-esponent;*

*(xviii) it-tmintax-il talba mhijiex opposta u fil-fatt l-esponent diga ghamel din it-talba bhala d-disa' talba fir-Rikors Guramentat minnu pprezentat entro z-zmien preskritt mil-ligi; u*

*(xix) id-dsatax-il talba mhijiex opposta u fil-fatt l-esponent diga ghamel din it-talba bhala t-tnax-il talba fir-Rikors Guramentat minnu pprezentat entro z-zmien preskritt mil-ligi.*

*Illi l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu unikament a karigu ta' NC.*

Semghat it-trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-attur fil-konfront tal-validita o meno tal-kontro-talba tal-intimata;

Rat l-atti u d-dokumentazzjoni kollha;

**Ikkonsidrat:**

L-eccezzjoni in dizamina qed titlob dikjarazzjoni gudizzjarja illi il-kontro-talba tal-konvenuta hija nulla u per konsegwenza l-Qorti m'ghandhiex tiehu konjizzjoni taghha b'dana illi il-kontro-talba tal-konvenuta ma tibqax tifforma parti mill-meritu ta' din il-kawza.

Illi fl-ewwel premessa fir-risposta guramentata tieghu l-attur jishaq kif segwenti:

> ***Preliminarjament, in-nullita tal-att prezentat minn NC in kwantu dan l-att gie pprezentat fuori termine bhala Rikors Guramentat ex novo u dan, kif minnha stess dikjarat abbazi tad-digriet datat 8 ta' Frar 223, in atti tal-Ittra Numru 1285/2021 li awtorizzat lill-partijiet sabiex jipproceduri b' kawza fiz-zmien li trid il-ligi. A tenur tar-regolament 7(1) ta' Legislazzjoni Sussidjarja 12.20, it-terminu li trid il-ligi huwa ta'xahrejn mid-Digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti u ghalhekk kellha sa mhux izjed tard mit-8 ta' April 2023, sabiex tipprezenta kawza ghal separazzjoni personali. Kjarament ir-Rikors Guramentat minnha pprezentat fis-7 ta' Lulju 2023, gie pprezenta fuori termine u ghalhekk huwa nullu bla ebda effett.***

Fit-trattazzjoni *viva voce*, l-attur sahaq illi fil-kontro-talba hemm dikjarat illi dak l-att huwa rikors guramentat u allura bhala rikors guramentat *ex novo* jehtieg illi jkun hemm aderanza mat-termini imposti mill-ligi, liema terminu huwa regolat mill-Ligi Sussidjarja 12.20. Ir-regolarment jimponi terminu ta' xahrejn mid-data tad-digriet, u cioe xahrejn mit-8 ta' Frar 2023. Sahaq illi l-iktar tard illi l-partijiet setghu jipprocedu kien sat-8 ta' April 2023. Illi filwaqt li l-attur prezenta l-kawza tieghu ferm qabel, il-parti l-ohra ma ghamlitx dan u minflok ghamlet rikors guramentat kif hekk qed isejjahlu, b'dana illi l-attur ghalhekk isostni illi dan allura huwa null ghaliex gie pprezentat *fuori termine*. Illi ghaldaqstant il-konvenuta ma tistax tuza il-kontro-talba biex taghmel dak li m'ghamlitx *entro* l-iskadenza imposta mill-Ligi.

Illi minn naha l-ohra, l-intimata, sostniet illi da parti taghha giet promossa r-rikonvenzjoni permezz ta' rikors guramentat u dan stante li r-rikonvenzjoni quddiem din il-Qorti bhat-talba principali trid tigi promossa b'rikors guramentat. Illi dan ma jfissirx illi dan kien rikors guramentat li jmur lil hinn mill-kontro-talba. Tishaq illi hi irceviet kawza ta'separazzjoni, u

entro z-zmien moghti mill-ligi u cioe entro l-ghoxrin jum, hija wiegbet ghal kawza u uzat id-dritt li ttiha l-ligi tar-rikonvenzjoni. Izzid illi l-eccezzjoni kif postulata mill-attur hija wahda futili u dana stante li fl-ipotesi li din il-Qorti tilqa’ l-eccezzjoni tan-nullita’, l-intimata terga’ tiftah medjazzjoni, din tfalli, terga’ tinghata awtorizzazzjoni sabiex tiftah proceduri litigjuzi, li tkun ikkupjata interament mir-rikonvenzjoni, u tigi quddiem liema gudikant tigi, ser tigi allaccata mal-procedimenti odjerni. Illi dan imur kontra kull principju tal-ekonomija tal-gudizzju. Izzid ukoll ma gie citat l-ebda artiklu specifiku tal-ligi izda huwa ovvju li l-eccezzjoni hija marbuta mad-dispost tal-artiklu 789 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn il-Qorti ghandha s-setgha u/jew l-obbligu li tiddikjara att gudizzjarju null. Isostni illi m’hemm l-ebda lanjanza dwar xi vjolazzjoni ta’ partikolarita’ essenzjali espressament mehtiega mill-ligi. Illi lanqas m’hemm ebda ostaklu li qieghed jirreka xi forma ta’ pregudizzju lill-attur.

**Ikkonsidrat:**

Il-gurisprudenza hija ukoll cara in *subjecta materia* u cioe illi l-*iter* u l-hsieb tal-Qorti ghandu jkun kontra l-formalizu eccessiva b’dana illi fejn l-atti jistghu jigu salvati, dawn ghandhom jigu salvati, b’dana li l-att in kwistjoni ma jehtiegx li jigi salvat ghaliex huwa integru u kompletament konformi mal-ligi.

**Ikkonsidrat:**

Gie ritenut mill-Qrati nostrali illi ghalkemm l-emendi li saru lill Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta bl-Att XXIV tas-sena 1995 kienu intizi sabiex tigi evitata n-nullita’ fejn possibbli, stante li n-nullita’ flimkien mal-formalizmu esagerat, rarament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali, ma ghandhomx ixekklu l-andament tal-kawza (*Vide Aquilina vs Cassar – Vol. LXXVI.iv.666).*

Din il-Qorti rriteniet diversi drabi illi filwaqt li hafna mid-disposizzjonijiet procedurali huma essenzjalment misuri ta' dixxiplina jew ta' sikurezza processwali li mill-osservanza taghhom jibbenefika imbaghad in generali l-andament kif imiss u kif jixraq tas-sistema kollu. Il-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat. Ma jistax ikun dubitat illi l-osservanzi tar-regoli tal-procedura hi mehtiega biex jigi assigurat l-ordni fil-kondotta tal-kawza u r-regolarita` taghha.

L-artiklu 789 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi kif segwenti:

***1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista'tingħata:***

***(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;***

***(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;***

***(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;***

***(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:***

***Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi(a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.***

***(2) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' att, taħt is-subartikolu (1)(ċ), ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità.***

**Illi l-Artiklu 156 tal-Kap 12 ta-Ligijiet ta' Malta jistipula:**

***(1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih –***

***(a) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;***

***(b) ir-raġuni tat-talba;***

***(ċ) it-talba jew it-talbiet li għandhom ikunu enumerati; u***

***(d) f'kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il kliem li ġej:***

*"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi.*

*Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża.".*

*(2) Flimkien mar-rikors ġuramentat għandhom jinġiebu d-dokumenti meħtieġa biex isaħħu t-talba.*

*(3) Ir-rikors ġuramentat għandu jiġi konfermat bil-ġurament quddiem ir-reġistratur jew prokuratur legali maħtur bħala Kummissjunarju b'setgħa li jagħti ġurament taħt l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament.*

*(4) L-attur għandu wkoll jagħti mad-dikjarazzjoni l-ismijiet tax-xhieda li jkun bi ħsiebu jġib, filwaqt li jiddikjara dwar kull wieħed minnhom x'fatti u xi prova bi ħsiebu jagħmel bix-xiehda tagħhom.*

*(5) Meta jitressqu diversi azzjonijiet flimkien kif provdut fl-artikolu 161(3), (4) u (5), mill-inqas wieħed mill-atturi għandu jikkonferma bil-ġurament quddiem ir-reġistratur jew il-prokuratur legali maħtur bħala Kummissjunarju b'setgħa li jagħti ġurament taħt l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament, u għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1)(a).*

*(6) Ir-rikors ġuramentat għandu jiġi notifikat lill –konvenut.*

*(7) Ir-reġistratur ma għandu jirċievi ebda rikors ġuramentat li ma jissodisfax l-elementi tas-subartikolu (1) u l-qorti ma għandha tħalli lil ebda xhud jinġieb sakemm dan ma jkollux ismu mniżżel flimkien mar-rikors.*

**Ommissis …..**

**Illi l-istitut tar-rikonvenzjoni huwa regolat bid-dispozizzjonijiet tal-artiklu 396 *et seq:***

***396. Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:***

***a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew***

***(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha.***

***397. L-effett tal-kontro-talba, rigward il-proċedura, huwa dak li dwar it-talba oriġinali u l-kontro-talba jsir proċess wieħed u li ż-żewġ talbiet jiġu deċiżi fl-istess kawża***

***398.(1) Il-konvenut li jkun irid jipproponi r-rikonvenzjoni, għandu jagħmel il-kontro-talba tiegħu fir-risposta bil-miktub għar-rikors ġuramentat jew le.***

***(2) Il-kontro-talba għandha titressaq wara l-eċċezzjonijiet għat-talba oriġinali li jsiru kif meħtieġ bil-liġi; u l-konvenut għandu, dwar il-kontro-talba jħares, kemm jista' jkun, ir-regoli stabbiliti b'dan il-Kodiċi jew b'xi liġi oħra għall-att proċedurali li bih il-proċedimenti kienu l-ewwel inbdew.***

***(3) Meta l-proċedimenti jkunu b'rikors ġuramentat, kontro-talba magħmula fir-risposta ġuramentata <u>tkun tiswa daqs preżentata ta' rikors ġuramentat dwar dik it-talba</u>, li għandha tiġi notifikata lill-attur, li għandu jipproċedi daqs li kieku kien il-konvenut dwarha; u f'kull każ bħal dan, l-egħluq tal-proċedimenti preliminari bil-miktub u l-applikazzjoni tal-artikoli 151 u 152 għandhom jibdew mal-preżentata ta' dik ir-risposta ġuramentata mill-attur jew malli jagħlaq iż-żmien għall-preżentata tagħha.***

***400.Il-konvenut ma jistax jipproponi l-kontro-talba fi kwalità oħra minn dik li fiha jkun imħarrek, lanqas ma jista' jipproponi l-kontro-talba kontra l-attur fi kwalità oħra minn dik li fiha dan ikun deher fit-talba tiegħu. Ir-rinunzja għall-atti mill-attur mhix ta' xkiel ħalli tiġi deċiża l-kontro-talba.***

***401.Jekk, f'kawża li fiha l-konvenut jipproponi l-kontro-talba, l-attur jirrinunzja b'xi mod li jkun għall-atti, il-konvenut jista'dejjem jitlob li tiġi deċiża l-kontro-talba miġjuba 'l quddiem skont il-liġi.***

***402.Meta l-konvenut f'kawża jkun ippropona f'kawża oħra, talba konnessa ma' dik tal-attur skont l-artikolu 396, il-Qorti tista' tordna li ż-żewġ kawżi jiġu mismugħin flimkien.***

**Ikkonsidrat:**

Il-forma tal-kontro-talba u l-validita taghha *o meno* giet indirizzata mill-Qrati nostrali fil-Gurisprudenza, u wahda mill-iktar kwistjonijiet imqanqla hija il-htiega *o meno* tal-avviż li min jircievi t-twegiba b'rikonvenzjoni u cioe' l-avviz li hu għandu jkellem avukat biex iwiegeb fi żmien għoxrin jum min-notifika. [Vide per ezempju Rik.Gur.Nru.: 15/2013RGM u ***Avukat Mark Refalo nomine vs. George Borg et"***, deciza mill Prim Awla, Qorti Civili – 10 ta' Mejju 2011).

Illi ta'relevanza partikolari hija sentenza deciza mill-Qorti tal-Magistrai fl-ismijiet: ***Mario Falzon personalment u bhala gestur tad-ditta Proman Interiors Vs Clinton u Janika konjugi Mifsud*** deciza nhar is-16 ta' Ottubru 2018 (Rik.Nru.: 170/2017 CFF). Illi l-atturi fl-imsemmija kawza similarment ghal dik odjerna, qajmu eccezzjoni illi l-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenjenti kif proposta permezz ta' Rikors kienet irrita u nulla.

Illi l-Qorti riteniet is-segwenti:

> ***Il-forma ta' kif ghandha ssir kontro-talba hija stabbilita' permezz ta' l-Artikolu 398(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti,***
>
> ***(2) Il-kontro-talba għandha titressaq wara l-eċċezzjonijiet għat-talba oriġinali li jsiru kif meħtieġ bil-liġi; u l-konvenut għandu, dwar il-kontro-talba jħares,***

***kemm jista' jkun, ir-regoli stabbiliti b'dan il-Kodiċi jew b'xi liġi oħra għall-att proċedurali li bih il-proċedimenti kienu l-ewwel inbdew.***

***L-attur rikonvenut jghid li l-kontro-talba kellha necessarjament skond dan l-artikolu tiehu l-forma ta' procediment f'forma ta' avviz, u li certament ma setghetx issir f'forma ta' rikors ghax il-procedura b'rikors hija kompletament inidoneja ghal dan il-kaz partikolari.***

***Il-Qorti tikkwota l-Artikolu 171(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta,***

***171.(1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil- kompetenza tagħha, inferjuri, jitmexxa bil-mod ta' rikors li jkun skont l-għamla preskritta u jsir fl-għamla ta' avviż sempliċi ffirmat mir-Reġistratur, li jkun fih l-isem u l-kunjom tal-attur u tal-konvenut, it-talba tal-attur, u l-jum u l-ħin meta l-konvenut għandu jidher, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu preskritti.***

***Dan l-artikolu jaghmilha cara li l-proceduri l-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza taghha inferjuri titmexxa b'rikors. Meta tinfetah kawza din ghandha jkollha l-ghamla preskritta ta' avviz semplici, kif inhi l-formula provduta mir-Registratur li permezz taghha jigu intavolati dawn it-tip ta' kawzi.***

***Madanakollu l-konvenut rikonvenzjonant ai termini ta' l-Artikolu 398(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jinterponi l-kontro-talba tieghu, "fir-risposta tieghu bil-miktub".***

***Ghalhekk f'dawn il-proceduri il-kontro-talba wkoll ghandha tigi pprezentata flimkien mar-risposta, pero' peress li din ghandha tigi prezentata bhala parti mir-risposta, m'huwiex possibbli li jkollha forma ta' avviz kif qed jippretendi l-attur rikonvenzjonant, u ghalhekk l-Artikolu 398 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, juza' dawn il-kliem "kemm jista' jkun".***

> ***Dan ghaliex huwa bizzejjed li l-kontro-talba f'dawn il-proceduri tigi ipprezentata flimkien mar-risposta permezz' ta' rikors li mhux necessarjament irid jiehu l-forma ta' avviz. Wara kollox ai termini ta' l-Artikolu 171 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-avviz huwa minnu nnifsu rikors. Ghalhekk il-Qorti ma' tistax tara b'liema mod il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant hija nulla.***

Din il-Qorti tikkondividi dak rilevat mill-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza su-citata pjenament u tapplikah ghal sitwazzjoni odjerna. Illi minn harsa lejn ir-risposta u "r-rikors mahluf" u cioe l-kontro talba intavolati mill-konvenuta, jidher illi l-konvenuta aderixxit mar-rekwiziti tal-forma indikati mill-Legislatur fid-dispozizzjonijiet su citati, fosthom l-avviz, u hija ukoll konfermata bil-gurament mill-konvenuta. Rat ukoll illi din tressqet wara l-eccezzjonijiet indikati fir-risposta guramentata tal-konvenuta ghar-rikors promotur tal-attur, b'dana illi l-konvenuta harset "***r-regoli stabbiliti b'dan il-Kodiċi jew b'xi liġi oħra għall-att proċedurali li bih il-proċedimenti kienu l-ewwel inbdew."***

Illi ukoll l-artiklu 398(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta jistipula illi: "***meta l-proċedimenti jkunu b'rikors ġuramentat, kontro-talba magħmula fir-risposta ġuramentata tkun tiswa daqs preżentata ta' rikors ġuramentat dwar dik it-talba, li għandha tiġi notifikata lill-attur, li għandu jipproċedi daqs li kieku kien il-konvenut dwarha."*** Illi dan is-sub artikolu fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti jindika illi effettivament l-*istatus* tal-kontro-talba huwa *pari passu* ma' dak ta' rikors gurmentat. Illi filfatt din il-Qorti tifhem, illi l-attur wara li gie notifikat bil-kontro-talba intavolata mill-konvenuta, intavola risposta guramentata ghal din l-istess kontro-talba daqs li kienu kien il-konvenut dwarha kif tipprovdi l-ligi.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina il-lanjanza tal-attur fis-sens li l-kontro-talba hija 'fuori termini' ghaliex giet ppresentata oltre mix-xahrejn moghtija mill-Qorti addetta mill-medjazzjoni. Il-Qorti tqis illi **r-risposta guramentata** tal-intimata **giet ppresentata in termini,** bi dritt ordinarju moghti lill-kontro-parti sabiex jippresenta il-kontro-talba, dritt sancit mill-ligi u mghoti lil kull kontro-parti skond id-dettami tal-Ligi. Dan d-dritt li tigi ntavolata kontro-talba, mhuwiex menomat jew ristrett fil-ligi tal-familja. Infatti, it-terminu ta' xahrejn mghoti mill-Qorti li tippresjedi l-Medjazzjoni huwa terminu li **japplika biss ghal min ser jintavola il-litigazzjoni u cioe' ir-rikors guramentat promotur.** Il-

lanjanza tal-attur kienet forsi tirnexxi kieku l-intimata ddecidiet li tiftah litigazzjoni ad hoc wara l-gheluq tat-terminu ta' xahrejn mghotija fil-Medjazzjoni. Dan ma sehhx u l-intimata pprezentat, kif kellha kull dritt li taghmel, kontro-talba mar-risposta guramentata taghha.

Illi ghaldaqstant u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u l-gurisprudenza citata, din il-Qorti tqis li l-kontro-talba tal-konvenuta rikonvenzjonant hija valida u skond id-dettami tal-Ligi.  Ghalhekk tichad l-eccezzjoni tal-attur.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni preliminari tal-attur u tordna l-prosegwiment tal-kawza kif ukoll tal-azzjoni rikonvenzjonali.**

**Bl-ispejjes kontra l-attur.**

**Moqrija**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**